# KUNSILL

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**ta' 13 ta' Diċembru 2004**

**dwar il-firma u l-applikazzjoni provviżorja ta' Protokoll għall-Ftehim ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Kroazja, min-naħa l-oħra, sabiex tittieħed in konsiderazzjoni l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, tar-Repubblika ta' l-Estonja, tar-Repubblika ta' Ċipru, tar-Repubblika ta' l-Ungerija, tar-Repubblika tal-Latvja, tar-Repubblika tal-Litwanja, tar-Repubblika ta' Malta, tar-Repubblika tal-Polonja, tar-Repubblika ta' Slovenja, u tar-Repubblika Slovakka ma' l-Unjoni Ewropea**

(2005/41/EC)

Il-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 310 flimkien mat-tieni sentenza ta' l-Artikolu 300 (2), l-ewwel subparagrafu tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Att ta' Adeżjoni ta' l-2003 u partikolarment l-Artikolu 6(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) Fid-29 ta' Settembru 2003 il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni, għan-nom tal-Komunità u l-Istati Membri tagħha, biex tinnegozja mar-Repubblika tal-Kroazja Protokoll għall-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni sabiex tittieħed in konsiderazzjoni l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, tar-Repubblika ta' l-Estonja, tar-Repubblika ta' Ċipru, tar-Repubblika ta' l-Ungerija, tar-Repubblika tal-Latvja, tar-Repubblika tal-Litwanja, tar-Repubblika ta' Malta, tar-Repubblika tal-Polonja, tar-Repubblika ta' Slovenja, u tar-Repubblika Slovakka ma' l-Unjoni Ewropea.

(2) Dawn in-negozjati ntemmew b'suċċess u, soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar 'il quddiem, il-Protokoll għandu jiġi ffirmat f'isem il-Komunità Ewropea.

(3) Il-Protokoll għandu jiġi applikat provviżorjament b'effett mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni, sakemm jiġu kompletati l-proċeduri pertinenti għall-konklużjoni tiegħu,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat jaħtar il-persuna/i mogħtija s-setgħa biex tiffirma/jiffirmaw, f'isem il-Komunità, il-Protokoll għall-Ftehim ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Kroazja, min-naħa l-oħra, sabiex tittieħed in konsiderazzjoni l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, tar-Repubblika ta' l-Estonja, tar-Repubblika ta' Ċipru, tar-Repubblika ta' l-Ungerija, tar-Repubblika tal-Latvja, tar-Repubblika tal-Litwanja, tar-Repubblika ta' Malta, tar-Repubblika tal-Polonja, tar-Repubblika ta' Slovenja, u tar-Repubblika Slovakka ma' l-Unjoni Ewropea, soġġett għal konklużjoni tiegħu f'data aktar 'il quddiem.

*Artikolu 2*

Sakemm jiġu kompletati l-proċeduri pertinenti għall-konklużjoni formali tiegħu, il-Protokoll għandu jiġi applikat provviżorjament b'effett mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni.

It-test ta' dan il-Protokoll huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Magħmul fi Brussel, 13 ta' Diċembru 2004.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

B. R. BOT